Kunsill Lokali Fontana

Minuti ta' l-erbgħin (40) laqgħa, tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar il-Ħamis, 26 ta' Novembru 2015 fil-4.00 ta' wara nofs in-nhar fis-Sala tal-Kommunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

1. Talba

1.1 Il-laqgħa ġiet ipreseduta mis-Sindku u bdiet b'talba.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-minuti tal-laqgħa 38 ġiet ikoreguta u għalhekk il-minuti tal-laqgħa 38 u 39 ġew approvati mill-Kunsill u iffirmati mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv quddiem il-preżenti.

*Mill-Minuti*

Is-Segretarja infurmat lil preżenti li:

2.2 Is-Sibt 21 ta' Novembru 2015 saret laqgħa mill-*youth worker* mal-Kunsill taż-Żgħażagħ.

2.3 Il-Green MT talab sabiex issir laqgħa mal-Kunsill nhar il-Gimgħa, 27 ta' Novembru 2015 rigward l-*expression of interest* iżda għadu ma kkonfermax il-ħin.

2.4 Il-*bring-in sites* tneħħew u tqassmu l-boroż lir-residenti u ġie mnaddaf il-madwar. Is-Sindku qal li meta kienu qegħdin jitbattlu l-ħaddiem tal-Kuntrattur li neħħihom staqsa lil Kunsill jekk kienux għal bejgħ u s-Sindku nfurmah li jekk il-Kunsill isib ibigħhom ikun aħjar.

S. Borg



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

2.5 L-iskrivan il-ġdid Christopher Buhagiar beda jaħdem mal-Kunsill fis-16 ta' Novembru 2015.

2.6 Rigward il-*Job Placement EU* l-istudenta Chantelle Vella attendiet darba biss fl-uffiċċju tal-Kunsill u mingħajr ma nfurmat lil ħadd mill-uffiċċju ma attendietx aktar.

2.7 Inġabru l-€2500, l-ammont pendenti mill-Green MT lil Kunsill u ġie iffirmat l-ftehim u inġabru wkoll l-€2279.25 skond Memo 17/2013 għal *live streaming* tal-laqgħat mid-Dipartiment għal Gvern Lokali.

2.8 Ser jattendu għal *weekend break* li ser isir f'San Antonio Hotel fil-Qawra 51 persuna. Inġabru tlett kwotazzjonijiet għas-servizz ta' transport fuq tlett ijiem. Paramount €300.90, Zarb Coaches €350 u Kop-ta-co Coaches €424.80. Il-membri qablu li tingħażel l-irħas kwotazzjoni dik tal-Paramount.

2.9 Il-21 labra ta' l-*influenza vaccine* ingħataw mit-Tabib Saliba peress li t-Tabib Vella ma jagħmilx xogħol fil-privat. Dawn ingħataw nhar is-Sibt, 21 ta' Novembru 2015.

2.10 Il-ħaddiema tal-Kunsill marru immarkaw l-għaddajjar fejn qed iżomm l-ilma fl-isqaq fi Triq il-Ghajn biswit Ta' Golina Supermarket iżda infurmaw lil Kunsill li dan jrid kwantita' kbira ta' siment u ramel. Is-Sur Mercieca offra li jmur iġib ir-ramel bit-truck tiegħu stess bl-ixkejjer u jinġabar fil-garaxx tal-Kunsill sabiex ma jixarrabx bix-xita. Il-membri tal-Kunsill irringrazzjaw lis-Sur Mercieca.

3. <u>Laqgħa max-*shadow minister* għal Għawdex, Dr Chris Said</u>

Nhar it-Tlieta, 25 ta' Novembru 2015 s-Segretarja ta' Dr Chris Said infurmat lis-Seg. Eżekuttiv tal-Kunsill illi Dr Said ma setax jattendi għal laqgħa minħabba impennji oħra. Il-membri qablu li l-laqgħa miegħu ssir fl-laqgħa oħra tal-Kunsill.

4. <u>Mozzjoni f'isem il-Membri</u>

Mozzjoni Nru 12 (Dok A) imressqa mis-Sindku u ssekondata mis-Sur Micallef. Is-Sindku beda' jispjega li ressaqha minn issa sabiex jekk ma jkunx hemm appell, l-Kunsill ikun jista' japplika mingħajr telf ta' żmien. Informa lil Kunsill li l-proċess tad-devoluzzjoni hu twil. Is-Sur Micallef qal li kieku kien hu kien ineħħi isem Anthony Cassar mill-mozzjoni sabiex ma jidhirx li l-Kunsill għandu kontrih. Is-Sindku qal li hu ma għandu kontra ħadd. Is-Sur Micallef staqsa sa meta hemm ċans li jappella u s-Sindku nfurmah illi sa l-aħħar tal-ġimgħa d-dieħla ikun



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Centru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

għadda ż-żmien ta' l-appell. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill irid iħallas l-ispejjes ta' l-Avukat tiegħu stess waqt li s-Sur Cassar għandu jħallas hu l-ispejjes l-oħra kollha. Is-Sur Mercieca qal li hu tal-fehma li l-Kunsill jiddiskutti din il-mozzjoni x'ħin jgħaddi żmien li s-Sur Cassar jista' jappella u għalhekk għandha tiġi diskussa f'laqgħa oħra. Is-Sur Micallef ġibed l-attenzjoni tas-Sindku li darb'oħra kellu jinforma lil Kunsilliera minn qabel kif tkun inqatgħet il-kawża. Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni tal-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn wara li jgħaddi ż-żmien ta' l-appell.

5. Evalwazzjoni ta' l-offerta għal servizz ta' Perit

Is-Seg. Eżekuttiv fakkret lil preżenti li fil-laqgħa preċedenti fuq proposta tas-Sur Micallef kien approvat li jiġi avviċinat is-Sur William Sultana sabiex jevalwa l-irħas offerta għal servizz ta' Perit. Is-Sur William Sultana informa lis-Seg. Eżekuttiv illi sabiex il-Kunsill ikun qed jimxi mal-liġi għandu jiġi maħtur bord ta' evalwazzjoni li jkun magħmul minn tlett jew ħames membri u li jridu jiġu evalwati l-offerti kollha li ġew sottomessi. Is-Sur Sultana qal illi fil-passat hu kien f'diversi bordijiet ta' dan it-tip u li s-soltu jkunu hu, l-avukat tal-Kunsill rispettiv u l-Perit Gordon Vella. Is-Sindku staqsa lis-Seg. Eżekuttiv jekk id-deċiżjoni li kienu ħadu l-membri fil-laqgħa preċedenti kienitx valida. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li ma setgħetx tittieħed deċiżjoni bħal din. Is-Sindku propona lil Perit Saliba peress li issa ma baqagħlux xogħol mal-Kunsill u li l-Perit ikun ic-*chairman* tal-bord, l-Avukat Joseph Attard u kif kien hemm approvat fil-laqgħa preċedenti William Sultana. Is-Sur Micallef propona li għal dan il-bord ikun hemm Philip Mifsud li jaħdem il-Ministeru. Is-Seg. Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li jista' jkun hemm kunflitt ta' interess peress li hemm l-offerta tal-Perit Anglu Portelli u t-tnejn li huma jaħdmu l-Ministeru. Il-membri qablu li l-membri tal-bord għandhom ikunu dawk li propona s-Sindku.

6. Żjara mill-Eċċ. Tagħha l-President ta' Malta

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li l-President ta' Malta ser iżżur il-lokalita' tal-Fontana s-Sibt, 19 ta' Diċembru 2015 mill-11.25am sal-12.15pm.

Is-Seg. Eżekuttiv ipproponiet li din l-attivita' tittella' fi Pjazza l-Għejjun jekk it-temp jippermetti u kompliet tgħid li biex din l-attivita' tkun differenti mis-sena preċedenti jiġu armati *stands* bl-ikel tipiku Għawdxi mill-Fontana Cottage, il-kumpanija taż-żfin tad-Dance Cradle ittella xow żgħira, l-Chorus Urbanus, il-Kunsill jirranġa wkoll sabiex tal-Fontana Cottage jkollhom xi nies jaħdmu l-bizzilla u xi folklore. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li bbukkjat mat-Taqsima tal-Kultura sitt blokki biex jintramaw fuq il-bankina fejn l-Għajn ta' Bendu. Is-Sur Mercieca informa lis-Seg. Eżekuttiv li bħalissa l-kumpanija tad-Dance Cradle hija wieqfa. Is-Sindku fakkar sabiex jiġu ordnati l-*envelopes* sabiex



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Boz

jintbgħatu fid-djar sabiex ir-residenti jagħtu donazzjoni. Is-Sur Micallef propona li jiġi mistieden l-arpista Jacob Portelli. Is-Sur Mercieca qal li hemm naqra bogħod sabiex in-nies tal-Fontana jinżlu sa Pjazza l-Għejjun. Għal dan il-għan il-membri qablu li jiġi provdut trasport b'xejn mill-Kunsill lejn Pjazza l-Għejjun minn fejn Manresa, Triq Qalb ta' Gesu, Pjazzetta fuq it-Tomba u Triq il-Għajn fejn il-Knisja fil-11.00 ta' fil-għodu. Il-membri qablu wkoll li jiġi miftuħ ix-xelter tal-gwerra għal attivita'. Is-Sindku u l-Viċi Sindku qalu li f'każ ta' maltemp din l-attivita' ssir fis-Sala tal-Kommunita'. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li għal attivita' għandhom jitqabbdu gwardjani lokali biex jagħlqu t-triq sabiex ma jgħaddux karozzi.
Is-Sindku propona li l-Fontana Cottage jsibu xi nies lebsin l-antik jaħslu s-suf tan-ngħaġ u jaħslu xi ħwejjeġ. Is-Sindku qal li fil-laqgħa li saret mal-President nhar is-Sibt li għadda u kien hemm ukoll preżenti żewġt żgħażagħ f'isem il-Kunsill taż-Żgħażagħ tal-Fontana u staqsa kif ser tkun imdaħħla l-Knisja f'din l-attivita'. Is-Sur Micallef propona li l-*envelope* għandu jinġabar mill-Kappillan. Is-Sindku qal li importanti li l-*envelope* jitqassam fid-djar malajr kemm jista' jkun u jitpoġġew karusijiet fil-ħwienet madwar ir-raħal. Is-Sur Mercieca propona li jiġi avviċinat is-Sur Salvu Grech sabiex jiġi fuq il-post jagħmel xogħol ta' l-injam. Is-Sindku qal li din l-attivita' importanti li tkun oriġinali.

7. Korrispondenza

7.1 Emejl minn Transport Malta fejn talbu li ssir laqgħa mal-Kunsill fl-uffiċċju ta' Transport Malta nhar it-Tlieta, 1 ta' Diċembru fit-12.30 rigward '*no entry for heavy vehicles*' fi Triq Wied Siekel. Is-Seg. Eżekuttiv talbet lil preżenti sabiex jinfurmawha min ikun jista' jattendi.

7.2 Ittra mill-Ombudsman fejn talab lil Kunsill jagħti aktar dettalji għaliex il-Kunsill ma jridx iħallas lil ex Aġent Seg. Eżekuttiv Amanda Abela. L-avukat tal-Kunsill ukoll informa lil Kunsill li ma jistax jifhem x'informazzjoni oħra aktar nistgħu nagħtuhom u għalhekk ippropona li l-Kunsill jiltaqa' miegħu u nitkellmu f'dan ir-rigward. Il-membri qablu li jiltaqew ma l-avukat tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

7.3 Risposta ta' emejl li ntbgħatet lil Asst. Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali Pio Farrugia rigward jekk is-Seg. Eżekuttiv tistax tpatti f'xi ġurnata oħra għas-siegħat li tuża biex issir il-laqgħa tal-Kunsill wara l-ħin tax-xogħol. Is-Sur Farrugia informa bil-miktub lis-Seg. Eżekuttiv li dan tista' tagħmlu. Is-Sindku qal li talab lis-Seg. Eżekuttiv tintbgħat din l-emejl peress li hekk kien jisma' li mhux suppost s-Seg. Eżekuttiv tpatti għal dawk is-siegħat. Is-Sindku qal li s-Seg. Eżekuttiv ma qaltlux li fis-Sajf taħdem inqas siegħat u li taħdem biss 30 siegħa.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li l-liġi tejd kif kwota l-Asst. Direttur għax il-laqgħa tal-Kunsill issir dejjem wara l-ħinijiet tax-xogħol.

7.4 Emejl mill-Ispettur Frank Anthony Tabone rigward il-*bee keeping activities* fil-Wied tal-Lunzjata n-naħa ta' Kerċem fejn informa lil Kunsill li ma hemm ebda liġi li ma tippermettix din it-tip ta' attivita' u li jridu jsiru rapporti l-għassa mir-residenti li qed jilmentaw u jagħtu evidenzi fil-qorti. Is-Sindku propona li s-Seg. Eżekuttiv għandha tinforma lir-residenti b'dan. Is-Sur Micallef u s-Sindku qalu li f'lokalitajiet oħra l-pulizija marru u ħadu azzjoni.

7.5 Memo 32/2015 – Espressjoni ta' nteress għall-impieg ta' Persuni b'diżabilita'.

7.6 L-Avukat tal-Kunsill bgħat risposta bil-miktub ta' kif il-Kunsill għandu jimxi fid-deċiżjoni tiegħu mal-Gozo Concrete Products. Is-Sindku qal li ħaġa bħal din aħjar li l-Avukat tal-Kunsill talab li jiltaqa' mal-Kunsill sabiex min ikun irid jistaqsi jew jivverifika xi ħaġa jkun jista' jagħmel dan. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li hi talbet lil Avukat jgħidilha x'risposta ser tibgħat lil Avukat tal-Gozo Concrete Products mhux il-parir tiegħu lil Kunsill. Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lil membri li fit-*tender document* hemm miktub li l-Kunsill jista' jirtira l-offerta imbasta l-Kunsill jgħati raġuni. Is-Sindku qal li l-Gozo Concrete Products għandhom żmien sentejn li jistgħu jfittxu għad-danni. Is-Sindku qal li wara s-sentenza kien hemm qbil unanimu li ma tintużax il-ġebla tal-qawwi iżda ssir bil-*porfido*. Is-Sur Mercieca staqsa jekk il-Perit Gordon Vella bidilx l-applikazzjoni mal-MEPA sabiex jintuża minflok il-*porfido*. Is-Sindku qal li jħossu diżappuntat li l-Perit Vella ma ħax azzjoni fuq din. Il-membri qablu li l-Avukat tal-Kunsill għandu jiltaqa' mal-membri tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

8. <u>Approvazzjoni ta' Kontijiet</u>

Skeda Nru 32 tal-ħlasijiet ta' kontijiet għax-xahar ta' Novembru 2015 ġiet approvata u ffirmata mill-membri preżenti. Is-Sindku propona u s-Sur Farrugia u l-Viċi Sindku qablu li dwar l-kont ta' Tarcisio Xerri għandu jiġi verifikat mill-Perita Ivana Farrugia dwar ix-xogħol li għamel qabel ma ġie mwaqqaf. Is-Sur Micallef qal li ma jaqbilx li l-kont tiegħu jgħaddi għand il-Perita peress li l-Perita ser tgħid lil Kunsill biex iħallsu u għalhekk s-Sur Micallef u s-Sur Mercieca ma qablux li dan għandu jiġi mħallas.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9. Materji Oħra

Is-Seg. Eżekuttiv staqsiet jekk rigward il-*weekend break* li ser jiġi organizzat, l-Kunsill għandux iħallas tal-Kunsillier Horace Micallef u dan peress li s-San Antonio Hotel kull ma tat b'xejn hu ta' Kunsillier wieħed jiġifieri tas-Sur Mario Mercieca u dan għaliex is-Sur Mercieca mal-ewwel qal li kien ser jattendi l-*weekend break.* Is-Sur Micallef staqsa jekk kienx hemm qliegħ għal Kunsill u s-Seg. Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill ma jistax jaqla' flus f'attivitajiet bħal dawn. Il-Kunsill qabel li jħallas tal-Kunsillier li ser imur ukoll mal-grupp tal-*weekend break.*

*Mis-Sindku*

9.1 Jinqata' l-ħaxix fi Triq Wied Siekel u Triq John Gaspard u Triq Alessandro Franchi u t-tindif tat-trab. Is-Sindku propona li għandhom jinxtraw madum għal bankina u jitpoġġew fejn kien hemm il-yukka fi Triq Alessandro Franchi. Is-Sur Micallef qal li għandu bżonn ukoll jinqata' l-ħaxix ta' Triq Għajn Tuta.

9.2 Sabiex jiġu msewwija l-*pelican lights* ta' quddiem il-knsija mill-Kunsill. Il-membri qablu.

9.3 Is-Sindku rringrazzja lis-Seg. Eżekuttiv tal-pittura li s-Seg. Eżekuttiv għamlet u tat lil Kunsill biex teħel fis-Sala tal-Kommunita'.

9.4 Is-Sindku staqsa kif ser isir it-tiżjin tat-toroq għal festi tal-Milied. Il-membri qablu li ser isir kollox kif kien sar is-sena l-oħra.

9.5 Sabiex jiġu mkaħħla xi żewġ fili li hemm fl-Għajn ta' Bendu u fl-Għajn il-Kbira bil-*hydrolic lime.*

9.6 Is-Sindku propona li ssir laqgħa ma l-Engineer tal-*Water Services Corporation* minħabba l-bdil tal-*house connections* tal-parti ta' Triq il-Għajn jiġifieri minn Triq il-Kappillan Hili l-fuq fejn ser isir xogħol ta' tarmak. Is-Sur Micallef qal li s-servizzi xorta jridu jinbidlu.

9.7 Is-Sindku qal li waslet l-ikla ta' l-anzjani tal-Milied li jgħixu waħedhom. Il-membri qablu li din tingħata.

9.8 Sabiex jerġa joħroġ il-fuljett Tagħrif mill-Kunsill u kif propona s-Sur Mercieca s-sena l-oħra jiġi mgħoddi lil Kunsilliera qabel ma jiġi pubblikat.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

9.9 Sabiex issir ħarġa ta' nofs ta' nhar f'Għawdex it-Tnejn, 7 ta' Diċembru fejn l-Kunsill jiprova jagħmel quddiesa fil-Knisja tal-Kunċizzjoni l-Qala, żjara fil-Mużew tal-Folklore il-Qala u wara *lunch* fil-lukanda Calypso.

9.10 Hemm tabella mgħawġa l-fuq mill-Għajn tal-Loġġoġ biex tinbidel. Is-Sindku qal li ġie vverifikat li l-*floodlights* ta' l-għejjun inqalgħu u ġew mibdula ma' l-LED il-ġodda. Is-Sindku propona sabiex is-Seg. Eżekuttiv tivverifika mar-Reġjun t'Għawdex fejn huma l-apparat li kien hemm imwaħħal qabel sabiex jerġgħu jinġabru l-Kunsill. Is-Sindku informa lil preżenti li meta jkun hemm xi dawl minn dan li ma jixgħelx għandu jiġi rraportat lir-Reġjun t'Għawdex peress li dawn għandhom ħames snin garanzija u b'hekk jaqgħu taħt ir-responsabilta' tar-Reġjun.

9.11 *Floodlight* fil-kantuniera tal-*playing field* ta' Triq ta' Mulejja mitfija.

9.12 Is-Sindku propona sabiex jiġi avviċinat il-Kappillan sabiex jiġu mislufa r-ritratti ta' Toni Farrugia u ta' Emmanuel Schembri mill-Knisja għal Jum il-Fontana.

9.13 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li d-delegazzjoni ta' Ħal Luqa mhux ser jattendu għal Festa ta' Sant Indrija minħabba l-maltemp. Is-Sindku propona li jsir il-knis tad-dawra tal-purċissjoni mill-ħaddiema tal-Kunsill, is-Sibt jew il-Ħadd.

9.14 Is-Sindku propona li ssir ħarġa għal Malta lir-residenti fl-20 ta' Diċembru 2015. Il-membri qablu.

9.15 Is-Sindku informa lil Kunsilliera li l-Engineer Mario Galea ta' Galea Curmi Engineering fejn qallu li hemm żmien limitat fejn fil-Fontana jistgħu jiżdiedu 15-il bozza ġdida. Il-membri qablu li teħel waħda fi Triq San Martin, tnejn f'Wied Siekel fejn ta' l-FXB. Is-Sur Micallef qal li fuq ir-riħ tal-Munxar ġo l-egħlieqi qed isiru xi abbużi u għalhekk għandhom isiru xi *floodlights* żgħar mal-fanali eżistenti li jagħtu għal ġo l-egħlieqi. Is-Sindku informa lil preżenti li ser jinforma b'dan kollu lil Engineer. Is-Sur Micallef staqsa lis-Seg. Eżekuttiv jekk kienitx saret talba lil Eng. Mario Galea biex jiżdied fanal fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Is-Sindku infurmah li ser jiltaqa' ma l-Engineer f'dan ir-rigward ukoll.

9.16 Is-Sindku qal li l-Ministeru għal Għawdex ivvota fond fil-*budget* għat-tindif tal-Widien u Bini tal-ħitan tas-sejjiegħ. Is-Sindku propona sabiex il-Kunsill jagħmel talba talba għal ħlas għal Wied tax-Xlendi li



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

ġie imnaddaf mill-Kunsill lil Ministeru għal Għawdex peress li l-fondi ta' l-*eco gozo* baqgħu ma natgħawx.

9.17 Is-Sindku propona li jiġi rringrazzjat il-Ministeru għal Għawdex għal kisi ta' Triq l-Isptar San Giljan iżda informa lil preżenti li hemm xi residenti diżappuntanti li ma sarx *water culvert.* Is-Sur Micallef qal li ġie avviċinat minn diversi residenti fejn infurmawh li kif saret it-triq ma baqalhomx problemi ta' l-ilma kif ġiet maqluba t-triq u għalhekk ma kienx hemm bżonn ta' *water culvert.*

9.18 Is-Sindku propona li s-Sur Michael Bongailas jattendi għal Jum Fontana sabiex jingħata c-*cheque* għal kompetizzjoni *Iron Man Competition.* Sar qbil ukoll li f'Jum il-Fontana tiġi ordnata quddiesa.

9.19 Is-Sindku staqsa lil membri jekk hux ser issir l-ikla tal-Milied. Il-membri qablu li l-ikla għandha ssir ic-Cima Restaurant nhar it-28 ta' Diċembru 2015.

*Il-Viċi Sindku*

9.20 Irringrazzja lis-Seg. Eżekuttiv għal-pittura li għamlet għas-Sala tal-Kommunita' u li ħadet l-inizjattiva biex tibda' iżżejjen din is-Sala.

*Is-Sur Horace Micallef*

9.21 Is-Sur Micallef informa lil preżenti li ż-żebgħa ta' l-art u t-tabelli ta' Triq il-Għajn saru mill-Ministeru għal Għawdex.

9.22 Informa wkoll lil preżenti li sar il-*patching* fi Triq il-Għajn mill-ħaddiema tal-Gvern. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi l-*patching* ma sarx kollu u għalhekk kellha tibgħat lil ħaddiema tal-Kunsill ikomplu jimlew bil-*patching* it-toqob li ħallew il-ħaddiema tal-Gvern.

*Is-Sur Mario Mercieca*

9.23 Is-Sur Mercieca fakkar lil membri li xi sena ilu kien hemm stedina mill-President ta' Malta sabiex il-Kunsill itella' lit-tfal jiltaqgħu ma' l-eċċellenza tagħha.

9.24 Informa lil preżenti li qed jinħaslu t-trukkijiet tar-*ready mix* fi Triq Mons Buttigieg. Peress li dik hi triq li taqa' taħt il-Gvern Centrali, s-Sindku propona li jsiru żewġ tabelli li mhux permess li jsir ħasil ta' trukkijiet f'dik



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

it-triq u dawn jitwaħħlu fit-toroq li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill jiġifieri fi Triq Kardinal Franchi u fi Triq John Gaspard le Marchant.

9 Aġġornament tal-Laqgħa

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Tnejn, 28 ta' Diċembru 2015 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.00 ta' filgħaxija.

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555